**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021**

**<u>Rikors nru: 145/2021 AGV ;</u>**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB , datat 12 ta' April 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet ccelebraw u dahlu f' Unjoni Civili, fid-19 ta' Lulju 2014, fid-Dolmen Hotel Qawra, skont kif jirrizulta minn Dok A- kopja tal-Att tal-Unjoni Civili, registrazzjoni 5/2014, hawn annessa;
2. Illi minn dil-unjoni civili, il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet ressqu ghal kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Mejju 2016, quddiem in-nutar Dr Marilena Cristina (kopja legali annessa, Dok B), waaa li l-unjoni Civili taghhom tkissret iremmedjabilment minhabba inkompatbilita' ta' karattru u ragunijiet ohra sufficjenti fil-ligi;
4. Illi l-esponenti tikkonferma ukoll li l-partijiet ilhom izjed minn erba' snin seperati legalment u de facto jghixu separatament minn xulxin minn tal-inqas tenut kont tad-data tas-seperazzjoni minghajr ebda prospettivita' ta' rikonciljazzjoni;
5. Illi permezz tal-istess kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghall- manteniment minghand xulxin ;
6. Illi sa fejn tista tikkonferma l-esponenti, l-ebda naha ma ghandha ebda pretensjoni fil-konfront tan-naha l-ohra, in konnessjoni mas-seperazzjoni taghhom;
7. Illi skont l-att dwar l-Unjonijiet Civili ( Kap 530), Ligjiet ta' Malta, li dahal fis-sehh fl- 14 ta' April 2014, u cjoe' qabel ma giet cclebarata l-Unjoni Civili mertu ta' dal-proceduri, u b' mod partikolari skont l-artikolu 3 tal-istess att;

*4 (1) Hlief kif provdut f' dan l-att, unjoni civili, darba tkun registrata, Ghandha mutatis mutandis ikollha l-effetti u l-konsegwenzi li jikkorispondu fil-ligi taz-zwieg civili maghmul skont l-Att.*

Fil-waqt li l-artikolu 4 (2) mbaghad jispecifika ulterjorament illi;

*B) l-artikoli 35 sa 66 (it-tnejn inkluzi) u 66 A sa 66 N (tnejn inkluzi) tal-Kodici Civili ghandhom mutatis mutandis japplikaw ghal unjonijiet civili.*

8. Illi konsegwentament l-esponenti hija tal-fehma li dak kollu li jinsab indikat fil-kodicii civili , Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, inkluz dak li jinsab provdut dwar divorzju hu applikabbli ukoll ghal Unjonijiet Civili;

9. Illi fl-umli fehma tal-esponenti dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ukoll il-kundizzonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment titlob lil din Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall tal-Unjoni Civili u konsegwnti divorzju bejn il-partijiet, AB u CD , tad- 19 ta' Lulju 2014, bin-numru 5/2014;

2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bil-hall tal-Unjoni Civili tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

**U dan taht kwalsiasi provvediment iehor li dil-Onroabbli Qorti, taf tqis opportun fic-cirkostanzi.**

**Il-Qorti rat li fis-seduta tat-Tlieta 25 ta' Mejju 2021, dehret il-konvenuta li ma oggezzjonatx ghat-talbiet.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall tal-Unjoni Civili bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall tal-Unjoni Civili tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**